SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 31/K9/21**

Data tal-laqgħa: 19 ta' Mejju 2021

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Patricia Camilleri - Kunsilliera
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (1)**

**Il-Kunsillier John Agius (Inc.    /21);**

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Principal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

31.1.01 Il-Kunsillier John Agius talab li jiġi skużat waqt l-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġi skużat.

**31.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

31.2.01 Is-Segretarju ressaq il-Minuti 30/K9/21 għall-approvazzjoni.

31.2.02 Iċ-Ċermen talab li tiġi nkluża wkoll li jiddaħal artiklu ġdid 30.3.11 li jaqra iċ-Ċermen ta detalji dwar proġett li huwa ppjanat għal Triq Birkirkara, dan il-proġett privat għal kostruzzjoni ta' apartamenti u garaxxijiet li konna ltqajna ma' l-iżvillupaturi u ffirmajna MOU sabiex parti mill-proġett ikun jinkludi ġodda pubblika fuq il-bjut ta' l-istess residenza.

31.2.03 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti 30/K9/21.

31.2.04 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ssekondaħ.

31.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

31.2.06 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula qajjem il-punt dwar 30.6.07 dwar il-premju żgħażugħ tas-sena, huwa kien kellem lill-Wayne Bonello iżda hu ma bagħatx id-dokumenti fil-ħin għaldaqstant ma laħaqniex ninominaw persuna oħra.

31.2.07 Fir-rigward il-proġett għar-restawr ta' l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesu' u l-funtana ġew sottomessi l-applikazzjonijiet mal-Awtorita' ta' l-Ippjanar u qed nistennew l-awtoriżżazzjoni mingħand l-Awtorita' ta' l-Artijiet sabiex tibda tiġi pproċessata l-applikazzjoni.

31.2.08 Rigward id-dawl mal-monument ta' Ġużi Tanti issotometejna l-applikazzjoni mal-Awtorita ta' l-Ippjanar għall compliance certificate kif joħroġ dan nissotomettu l-applikazzjoni għal meter.

31.2.09 Il-ħlasijiet dovuti mill-Infrastructure Malta u l-Fondi ta' l-Ippjanar dwar Triq Diodorus Siculus kienu daħlu.

31.2.10 Fir-rigward tat-tqegħid tat-tarmac ġewwa Triq il-Bajja din tlestiet. Issa bdew ix-xogħolijiet fi Triq Francis Zammit.

31.2.11 Min-naħa ta' Infrastructure Malta qeda issir Triq Hans Stumme.

31.2.12 Baqalna xi ftit maskli u dawn jistgħu jitqassmu.

31.2.13 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li għandna problema bil-ħaddiema assenjati li għandna.

31.2.14 Is-Segretarju ressaq it-tender tal-accountant fejn kienu intefgħu ħames offerti li kienu kollha eliġibli, l-irħas offerta kienet ta' DGalea Consultant Ltd u għalhekk kien hemm qbil li dan il-kuntratt jingħata lil dan l-offerent. Proposta formali mressqa miċ-Ċermen u ssekondata mill-Kunsillier Guido Dalli. Il-Kunsill qabel unanimament.

**31.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen;**

31.3.01 Nhar il-Ġimgħa ser issir laqgħa fil-post mal-kuntrattur sabiex il-Perit ikun jista' jtiħ l-istruzzjonijiet dwar il-ħajt fi Triq il-Kbira.

31.3.04 Rigward l-advertising barriers kienet saret laqgħa maż-żewġ operaturi u bdejna nirċievu parti mill-pagamenti dovuti.

31.3.05 Iċ-Ċermen informal ill-Kunsill li ssottometejna applikazjoni għal-skema 6/2020 maħruġa mir-Reġjun Ċentru, l-applikazzjoni saret sabiex tinżebagħ il-Knisja Qadima ta' Lapsi. Il-Viċi Sindku ta dettalji dwar ix-xogħolijiet li jridu jsiru kif ukoll il-proċess biex tiġi approvata din l-iskema. Il-Kunsill qabel unanimament.

**31.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

31.4.01 Il-Kunsillier Guido Dalli talab li ssir laqgħa mal-kuntrattur ta' l-public convenience sabiex niddiskutu ftit għaliex fl-opinjoni tiegħu hemm traskuraġni kbira fil-latrini speċjalment dik tal-Balluta. Staqsa wkoll jekk il-Paceville Town Management Committee għadhux jiltaqa', is-Sindku nfurmaħ li ilhom ma jiltaqgħu ħafna b'mod formali.

31.4.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli qajmet l-punt dwar l-mera fi Triq il-Scicluna k/m Triq is-Sur Fons.

31.4.03 Il-Kunsillier Martin John Sultana ssuġerixxa li nerġgħu naħsbu sabiex isir Ġieħ San Ġiljan. Qajjem il-punt dwar xi żoni f' San Ġiljan sabiex jinġabru l-karozzi abbandunati, is-Segretarju talbu sabiex itieħ il-lista ta' dawn il-karozzi sabiex tittieħed azzjoni skond il-provediment maħruġ dan l-aħħar mit-Transport Malta. Qajjem il-punt dwar il-bust ta' Dun Anton Debono Huwa qal li hemm persuna li xtaqt jisponserjaħ, iċ-Ċermen infurmuh sabiex din il-persuna tibagħat email lill-Kunsill u tagħtina l-proposta tagħha. Il-Kunsillier Guido Dalli qal li l-Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġiljan mhux favur ta' din il-proposta għaliex iħoss li mhux ġust li ma tamilx ukoll tal-Kappilani l-oħra. Il-Kunsillier Martin Sultana x' sar minnha l-applikazzjoni biex jitbiddel it-traffic management fi Triq San Mark u Triq San Mikiel, is-Segretarju nfurmaħ li din il-materja kien diġa ressaqa qabel fejn kien informa li t-Transport Malta ma qablitx mal-proposta tagħna.

31.4.04 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri qajmet il-punt dwar iċ-ċinta ta' fejn hemm ir-railing madwar il-promenade fejn fihom ħsarat. Iċ-Ċermen infurmaħa li dan ix-xogħol kien responsabilta' ta' Projects Malta u konna ser inkelmu lill-Perit Ray Farrugia.

31.4.05 Il-Kunsillier Martin Sultana ssuġerrixa li nkelmu lill-Cleansing sabiex jibdew isiru s-slielem tal-baħar.

31.4.06 Il-Kunsillier Sean Gauci qajjem il-punt dwar ilma kanella li ħareġ mill-Balluta, huwa ġie nfurmat miċ-Ċermen li din ittieħdet l-azzjoni neċessarja. Iċ-Ċermen infurmaħ li kien kellem lill-operaturi tal-Lukanda minn fejn kien ġej l-ilma u infurmawh li dan kien ramel li tħallat mas-sistema tar-reverse osmosis.

## 31.5 Preparazzjoni għall-offerti għal ground tal-futbol

31.5.01 Is-Segretarju u ċ-Ċermen iltqgħu ma' diversi persuni li urew l-interess tagħhom f'dan il-post u taw l-ideat tagħhom kif jistgħu jiżvilupawh. Saret diskussjoni dwar kif għandna nipproċedu. Fost is-suġġerimenti kien hemm ħruġ ta' white paper, laqgħa mar-residenti, li nkomplu niltaqgħu ma' għaqdiet oħrajn, li niddiskutu ma' Sports Malta fost l-oħrajn. Fl-aħħar kien hemm qbil li nipproċedu bil-ħruġ ta' tender li jkun miftuħ għall-proposti varji.

31.5.02 Kien hemm qbil ukoll sabiex ikun hemm bord ta' evalwazzjoni magħmul mis-Segretarju Eżekuttiv, Perit tal-Kunsill, l-Accountant tal-Kunsill kif ukoll xi ħadd li jkun espert fl-isports. Għal dan l-għan kien hemm qbil li s-Segretarju jitlob mingħand il-membri suġġerimenti għal dan il-persuna.

**31.6 Servizz ta' minivan għal matul is-sajf**

31.6.01 Is-Segretarju ressaq il-proposta sabiex nerġgħu nibdew is-servizz ta' minivan bejn Ta' Ġiorni u il-Balluta / Spinola. Saret diskussjoni fuq diversi punti u kien hemm qbil li dan is-servizz jibda fl-14 ta' Ġunju sa l-aħħar ta' Settembru skond l-iskeda li kellna is-sena l-oħra.

**31.7 Talbiet żgħar;**

**31.7.01 Email mingħand ir-RefabLightBlue Partnership dwar new recycling collection proposal (Inc. 19250/21 & Inc. 20157/21)**

31.7.01.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jitwaħħlu kontenituri għaż-żejt domestiku.

**31.7.02 Email dwar renewal notice – Notebook Centre (Inc. 19444/21);**

31.7.02.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li dan isir bil-kundizzjonijiet 1. Tinħareġ ċirkulari biex tinforma dwar is-servizz, din għandna toħroġ darbtejn fis-sena. 2. Li tinżamm lista mill-operatur tan-nies li qed jużaw dak is-servizz.

**31.7.03 Email dwar SPI.SCI.4.2020 – Korsijiet Lifelong learning 2021 – 2022 offruti mid-Direttorat għar-riċerka, Tagħlim tul il-Ħajja (Inc. 19777/21 & 20164/21);**

31.7.03.01 Din ma ġietx diskussa minħabba li d-data tas-sottomessjoni skadiet.

**31.7.04 Email dwar issue reporting application (Inc. 19846/21);**

31.7.04.01 Wara li ċ-Ċermen ta spjegazzjoni dwar laqgħa li kellna mas-Sur Musu' li kien qed joffri din is-sistema kien hemm qbil unananimu li naċċettaw l-offerta tas-Sur Musu' għal-erbgħa snin.

**31.7.05 Email dwar suggestions for an improved traffic management system in B'Kara Hill (Inc. 19879/21);**

31.7.05.01 Saret diskussjoni fuq it-talba tas-Sur Grixti u ma kienx hemm qbil pero kien qed jiġi suġġerit li napplikaw mat-Transport Malta ħalli jkun hemm traffic lights biex jikkontrollaw it-traffic li jkun tiela' u nieżel minn Telgħet Birkirkara.

**31.7.06 Email dwar The Queen's Baton Relay (Inc. 20223/21);**

31.7.06.01 Saret diskussjoni u kien hemm qbil li norgannizaw attivita' żgħira għal waqt il-viżita bil-baton.

**31.7.07 Email dwar proposal for summer training in your community (Inc. 20136/21);**

31.7.07.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din is-sena ma napplikawx għaliha.

**31.7.08 Email dwar Local Councils Website update (Inc. 20249/21);**

31.7.08.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ser ikun qiegħed jibagħat l-informazzjoni meħtieġa.

**31.7.09 Email dwar E-kickscooter company (Inc. 20298/21);**

31.7.09.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li noffrulu tlett postijiet, wieħed ix-Xatt ta' San Ġorġ, oħra fi Triq Santu Wistin ħdejn l-EF Language School u oħra fi Spinola hdejn it-Tigulio u oħra ġewwa l-Balluta.

**31.7.10 Email dwar sejħiet għall-Proġetti taħt il-Programm il-ġdid tal-Unjoni Ewropea CERV – European Remembrance / Towwn Twinning / Network of Towns (Inc. 20340/21);**

31.7.10.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li napplikaw għaliha fuq proġett għat-tagħlim ta' l-ingliz flimkien mal-komunita' ta' Kunsentmikloz.

**31.7.11 Email dwar Saddles renewal permit (Inc. 20357/21);**

31.7.11.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li terġa ssir estensjoni fejn jsir l-bbq.

**31.7.12 Email dwar l-isem ta' Triq Saver Zarb (Inc. 19472/21);**

31.7.12.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din it-triq tiġi msemmija Triq Henry Calleja. Iċ-Ċermen qal li ser iġib cv tiegħu.

**31.7.13 Email mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Community Inclusive Employment Scheme (CIES) (Inc. 19919/21);**

31.7.13.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill japplika għal din l-iskema Community Inclusive Employment Scheme (CIES) sabiex jimpjega miegħu handyman. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu biex napplikaw bil-kundizzjoni li aħna nħallsu l-parti tal-bolla tal-ħaddiem kif ukoll bonuses kollha inkluż il-bonus annwali, l-bonus tal-gvern kif ukoll il-performance bonus skond reżoluzzjoni fil-Kunsill.

**31.7.14 Ittra mingħand il-Kunsillier Martin John Sultana (Inc. 20643/21);**

31.7.14.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-LESA u jiġu nfurmati b'dan l-inċident minħabba n-nuqqas tal-wardens li jagħatu servizz mitlub. Wara imbagħad l-Kunsill jara min hu responsabbli għal-ħsarat li ġarrab fuq il-vettura.

**31.7.15 Email dwar fondi intitolati lill-Kunsill Lokali mir-rimborz tal-LESA (Inc. 20644/21);**

31.7.15.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din napplikaw għall-proġett tal-ATM sabiex niġbru l-flus għaliha.

**31.7.16 Email dwar Main Street (Inc. 20717/21);**

31.7.16.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'ittra ta' ringrazzjament.

**31.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

31.8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5353 sa 5392. (Ara Appendiċi 'A')

31.8.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**31.9 Skeda tal-Pagamenti**

31.9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B')

31.9.02 Il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

31.9.03 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ssekondaħ fl-approvazzjoni.

**31.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

31.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar it-Tlieta 15 ta' Ġunju 2021 fl-4.30p.m.

31.10.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00p.m.

**IFFIRMATI,**

**Dott. Albert Buttigieg**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 15 ta' Ġunju 2021.